# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 30 ta' Ġunju, 2023**

**Rikors Ġuramentat numru 672/2018 MH**

**Numru: 2**

**EveryMatrix NV, soċjeta' estera reġistrata**

**Fil-Curacao bin-numru 108354**

**Vs**

**Join Games Malta Ltd (C65829)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat **tas-soċjetà attriċi u Ian Freeman** datata 25 ta' Ġunju, 2018 fejn ġie pemess u mitlub illi-

1) *Illi s-soċjetà rikorrenti hija involuta f'żvilupp u bejgħ ta' software illi jintuza fl-industrija tal-igaming prinċipalment logħob ta' każinò online;*

2) *Illi s-soċjeta rikorrenti hija aggregatur ta' software fejn tixtri inter alia liċenzji fuq logħob tal-każinò żviluppati minn kumpaniji terzi sabiex hi tkun tista tbiegħ s-software li jappartjeni lil kumpaniji terzi lill-klijenti tas-soċjeta rikorrenti;*

3) *Illi s-soċjeta rikorrenti daħlet f'kuntratt mas-soċjeta intimata fit-23 ta' Marzu, 2016 (kopja tal-kuntratt qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala* ***'Dok B'****) sabiex jkollha liċenzja biex tbiegħ il-logħob żviluppati mis-soċjeta intimata lil klijenti tas-soċjeta rikorrenti. Għall-fini ta' ċarezza,*

*dawn il-logħob jkunu aċċessibbli minn fuq sit elettroniku liema sit ġeneralment jkun liċenzjat minn awtorita mill-istat ta' Curacao jew Malta (skond il-kaz) u liema liċenzja tappartjeni lis-soċjeta rikorrenti jew tappartjeni lill-klijenti tas-soċjeta rikorrenti (skond l-arranġament kummerċjali bejnithom).*

4) *Illi l-logħob tas-soċjeta intimata ġew integrati fis-sistema tas-soċjeta rikorrenti u għalhekk il-logħob kienu disponibbli għal kull persuna illi kellha aċċess għall-wesbites operati mis-soċjeta rikorrenti.*

5) *Illi għal ħabta tal-4 ta' Diċembru tas-sena 2017 is-soċjeta rikorrenti soffriet danni finanzjarji minħabba nuqqassijiet serji fis-sistemi ta' sigurta tas-soċjeta intimata. Fil-fatt, ċertu terza persuna ppenetrat is-sistemi tas-soċjeta intimata u bdiet timmodifika ċertu parametri tal-logħob li effetivament, irrizultat f'sitwazzjoni fejn logħoba mhux ippubblikata cioe mhux suppost kellha tkun aċċessibli għal-pubbliku, giet aċċessibli u dana dejjem minnħabba vulnerabbilta fis-sistemi tas-soċjeta intimata.*

6) *In oltre, mhux tali biss il-logħba surreferita ġiet aċċessibli meta mhux suppost, kienet ipprogrammata b'tali mod illi ir-return to player kien aktar minn mija fil-mija (100%) u għalhekk kull imħatra li tintlab fuq din il-logħba kienet tirrizulta f'rebħa u cioe telf ghas-soċjeta rikorrenti peress illi l-probabbiltà ta' rebħ ta' din it-terza persuna kienet aktar minn mija fil-mija (100%). Kopja tar-rapport tal-inċident maħrug mis-soċjeta intimata stess qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok Ċ'.***

7) *Illi mill-kalkoli interni tas-soċjeta rikorrenti, d-danni sofferti minħabba l-inċident hawn fuq imsemmija jammontaw għall-mija, disgħa u erbgħin elf u mitejn u tmenin Ewro (€149,280) u dana kif ha jkun pruvat fil-mori tal-kawza.*

8) *Illi skond il-klawżola 12 tal-istess ftehim bejn il-partijiet konċernati, s-soċjeta intimata aċċettat obbligazzjoni kuntrattwali fejn jekk inhu l-kaz li logħba tas-socjeta intimata tirrizulta f'danni lis-soċjeta rikorrenti, s-soċjeta intimata għandha rabta kuntrattwali sabiex tagħmel tajjeb għal ħsarat sofferti mis-soċjeta rikorrenti. Fil-fatt klawzola 12 tgħid hekk:*

*'The Supplier*[1] *shall* ***fully indemnify*** *the Licensee*[2] *for loss of funds directly or indirectly attributable to faults in the Licensed Software and Licensed Games. Faults include, but are not limited to, bugs, faulty codes, loopholes*

[1] Senjatament is-soċjeta konvenuta Join Games Ltd C-65829

[2] Senjatament is-soċjeta rikorrenti EveryMatrix NV

*and back doors. In the above eventuality, the Licensee may claim compensation for:*

*i) Direct losses due to the faulty Licensed Software or Licensed Games;*
*ii) Indirect losses caused by Players on the Websites using proceeds from the faulty Licensed Games on games supplied by a third party gaming service provider ('3rd Party GSP');*
*iii) Indirect costs incurred by the Licensee for the payment of revenue fees to 3rd Party GSPs;*
*iv) Indirect costs incurred by the Licensee for the payment fees for the gaming transactions of the aforementioned Players.*

9) *Illi s-soċjeta rikorrenti għamlet diversi tentattivi sabiex din is-sitwazzjoni itemm b'modd bonarju. Pero minkejja dan u minkejja l-klawzola 12 tal-ftehim bejn il-partijiet, is-soċjeta intimata baqgħet inadempjenti u għalhekk is-soċjeta rikorrenti kellha tirrikorri għal din il-proċedura inkluz il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelitorju bin-numru 925 / 2018 akkordat nhar is-6 ta' Ġunju 2018 fl-ismijiet 'Ian Freeman għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpanija EveryMatrix NV (108354), reġistrata fil-Curacao vs. Join Games Ltd (C-65829)'.*

*Għaldaqstant tgħid għalhekk is-soċjeta intimata għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandiex:*

1) *Tiddikjara illi s-soċjeta intimata hija responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjeta rikorrenti minħabba nuqqasijiet fis-sistemi elettroniċi tas-soċjeta intimata;*

2) *Tiddikjara illi s-soċjeta intimata hija debitriċi fil-konfront tas-soċjeta rikorrenti fl-ammont ta' mija, disgħa u erbgħin elf u mitejn u tmenin Ewro (€149,280) jew kwalunkwe ammont ieħor hekk illikwidat illi dina l-Onorrabli Qorti jidhrilha xieraq u opportun;*

3) *Tikkundanna lis-soċjeta intimata sabiex tħallas l-ammont ta' mija, disgħa u erbgħin elf u mitejn u tmenin Ewro (€149,280) jew kwalunkwe ammont ieħor stabbilit minn dina l-Onorrabli Qorti rapprezentanti danni hekk likwidati favur is-soċjetà rikorrenti;*

*Bl-ispejjeż inkluz tal-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kwatelitorju bin-numru 925/2018 akkordat nhar is-6 ta' Ġunju 2018 mill-Prim Awla Tal-Qorti Ċivili u*

*bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-ittra ġudizjarja datata 22 ta' Mejju 2018 (Ref: 1796/2018), kontra s-soċjeta intimata, minn issa inġunta in subizzjoni.*

Rat ir-risposta ġuramentata[3] ta' **Luigi Spina għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' konvenuta** datata 17 ta' Settembru 2018 fejn ġie eċċepiet is-segwenti:-

*1. Illi, din ir-risposta qed issir ai termini tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat sitta (6) ta' Lulju 2018 wara rikors tas-soéjeta' rikorrenti tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju, 2018;*

*2. Illi preliminarjamanet is-soèjeta' konvenuta qegħda tiċħaf fil-fatt u fid-dritt it-talbiet tas-soċjetà' rikorrenti.*

*3. Illi mingħajr preġudizzju ghas-suespost s-soċjetà' konvenuta ma' tistax tinsab responsabbli għad-danni allegatament sofferti mis-soċjetà' rikorrenti, liema danni dejjem naqset milli tikwantifika', u dan stante li jekk huwa minnhu li s-soċjetà' rikorrenti sofriet xi danni, dan ġara b'rizultat tal-fatt li hija kienet negliġenti u naqset milli tirrispetta 1-ligijiet ta' Malta li jirregolaw is-settur li t'opera fih, fost 1-ohrajn ir-regolamenti dwar logħob minn distanza;*

*4. Illi il-kuntratt tat-23 ta' Marzu 2016, bejn is-soċjetà rikorrenti u s-soéjeta konvenuta, hawn anness bhala* ***Dok. A*** *huwa null stante li huwa ivvizjat minħabba difetti serji u dan kif ser jiġi ulterjorment pruvat waqt il-proċeduri ta' din il-kawża;*

*5. Illi di piu ' u mingħajr preġudizzju għas-suespost, b'referenza ghall-klawsola 5.2 tal-kuntratt tat-23 ta' Marzu 2016, bejn is-soċjetà' rikorrenti u s-soċjetà' konvenuta, hawn anness bhala* ***Dok. A****, is-soċjetà' rikorrenti hija responsabbli li żżomm kontroll strett kontra 1-frodi sabiex taċċerta li timminimizza atti jew aġir frawdolenti kemm jista' jkun. Tali miżuri inter alia jiddettaw li s-soċjetà rikorrenti hija responsabbli sabiex tivverifika 1-awtentiċita ta' d-dettalji tal-ġugatur;*

[3] Folio 45

*6. Illi, għaldaqstant is-soċjetà rikorrenti għandha wkoll twettaq provi ta' sigurtà u tagħmel proċeduri interni oħrajn fir-rigward tal-ġugaturi, speċjalment meta l-ħlas lil ġugatur ikun jeċċedi s-somma ta' elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37). Ta' importanza u relevanza għal dan huwa l-provvediment tal-artiklu 36 tar-Regolamenti Dwar Logħob Minn Distanza (L.S. 438.04 tal-Liġijiet ta' Malta), li jkompli billi saħansitra jishaq li tali ħlas mgħandux isir qabel ma jiġu vverifikati ' l-identita , l-eta' , u l-post ta' residenza tal-ġugatur'. Di piu' , artiklu 37 tal istess Leġislazzjoni Sussidjarja surreferita, jkompli billi jobbliga lis-Soċjetajiet li joperaw f'dan is-settur ta' logħob b'distanza li jagħmlu verifiki liema verifiki hija obligata tagħmel mingħajr eċċezzjoni;*

*7. Illi, huwa ċar li li kiemu s-soċjetà' rikorrenti addixxit ma' dawn il-proċeduri essenzjali u wetqet il-verifikazzjonijiet kollha li huma neċessarji, kienet tevita li tħallas lill-ġukatur li kien qiegħed jaġġixxi b'mod frawdelenti u kontra r-regoli stipuilati mis-soċjetà' rikorrenti nnfisa. Fil-fatt, verifikazzjoni fir-rigward ta' transazzjonijiet ta' ġugatur partikolari kienu mitluba mis-soċjetà' rikorrenti wara li dan il-ġugatur kien diga tħallas. Għalhekk in-negligenza minn naħa tas-soċjetà rikorrenti m'għandhiex tiġi attribwita lis-soċjetà konvenuta;*

*8. Illi, b'referenza għal klawsola 12 tal-istess kuntratt diġà surreferit bhala* ***Dok. A****, s-soċjetà konvenuta għandha inter alia tagħmel tajjeb għal xi difetti fis-software, u mhux għal ċirkostanzi oħra li għandhiex kontroll assolut fuqhom, bħall-hacking kif ġara f'dal-każ;*

*9. Illi huwa wkoll minħabba riskji ta' hacking fi kwalunkwe settur li juża infrastruttura eletronika, partikolarment fis-settur tal-logħob minn distanza, illi l-legizlatur ħa linizjattiva illi jistabbilixxi regoli u proċeduri intizi sabiex jiproteġu kemm lill-ġugatur kif ukoll lill-minjoffri s-servizzi tiegħu lill-ġugatur, liema regoli u proċeduri huma wkoll intizi sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet bħall dik odjerna u li s-soċjetà' rikorrenti qegħda t'allega illi soffriet;*

*10. Illi, b'referenza għal klawsola 13 tal-kuntratt anness bhala* ***Dok. A****, s-soċjetà konvenuta bħala waħda mill-partijiet f dan il-kuntratt, qiegħda tiġi eżentata mir-responsabbiltà fir-rigward ta' danni indiretti jew konsegwenzjali inkluż xi qligħ mitluf;*

*11. Illi, s-soċjetà' rikorrenti qiegħda titlob ammont ta' telf indirett li allegatament sofriet bħala konsegwenza ta' hacking fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, li nonostante naqset milli titiskrivi u tikwantifika fiex jikkonsistu dawn l-ammonti, u sa Ilum għadha ma ġabet ebda prova bħala evidenza ta' dan it-telf minkejja li tali provi ġew mitluba f'numru ta' okkażjonijiet mis-soċjetà' konvenuta inkluż bill/miktub tramite ir-rappreżentanti legali tagħha;*

*12. Illi, għal dawn ir-raġunijiet u għal raġunijiet Oħra kif ser jiġi ulterjorment pruvat waqt il-proċeduri ta' din il-kawża, 1-ebda somma ma hi dovuta lis-soċjetà rikorrenti u s-soċjetà' konvenuta ma' kkawżat 1-ebda dannu u ma' għandiex tinhstab responsabbli għall/allegati danni sofferti mis-soċjetà' rikorrenti rizultanti minn negligenza, nuqqas ta' imperizzja tagħha stess u nuqqas li tosserva 1-liéijiet ta' Malta li jirregolaw issettur li t'opera fih is-soċjetà' rikorrenti;*

*13. Illi, t-talbiet tas-soċjetà' rikorrenti fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għaldaqstant għandhom jiġu Miċħuda bl-ispejjeż;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*BI-ispejjeż kontra s-soċjetà rikorrenti u b'riserva għall-imgħax dovut skont il-liġi.*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta datat 6 ta' Lulju, 2018.[4]

[4] Folio 22

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tas-soċjeta' attriċi.

Ikkonsidrat:

Il-fatti fil-qosor huma li l-partijiet daħlu fi ftehim bejniethom biex l-attriċi tbiegħ lill-klijenti tagħha logħob, għal skop ta' igaming, fuq websites operati minnha, logħob żviluppati u miżmuma mill-konvenuta, operat li jissejjaħ *White Labelling*[5]. Ġara li ġugatur li kien qed jilgħab logħob fuq siti tal-attriċi, irrexxielu *jiħħeckja* lobgħa li l-konvenuta ma kienetx qegħdet fuq il-platform tagħha għal użu tal-ġugaturi, u tramite dan il-logħob, li kien tal-konvenuta jew fi ħdana b'mod virtwali, rebaħ sommom kbar ta' flus li l-attrċi ħallset sakemm ġie skopert dan l-operat frawdolenti.

Rat il-provi kollha mressqa.

Illi rat l-affidavit presentat mis-soċjeta' attriċi ta' **Amund Strensland**[6]. Igħid li l-funzjoni tiegħu fis-soċjeta' attriċi ta' *vendor management*, għalhekk jiġestixxi bosta *"game service providers"* kif inhi s-soċjeta' konvenuta. Spjega li s-soċjetajiet bħal konvenuta jagħtu b'sublicenżji logħob lis-soċjeta' attriċi, li minn naħa tagħha tbiegħ dan il-logħob żviluppat mill-konvenuta, lil klijenti tagħha, *on*

[5] Dok B folio 7

[6] Folio 31.

*line*. Ikompli jispjega li l-profit generat minn dan il-logħob imbagħad jinqasam mensili bejn l-attriċi u l-*provider* ta' dan il-logħob, fil-każ in eżami s-soċjeta' konvenuta.

Spjega li siccome is-soċjeta' attriċi kellha pussess ta' liċenzji tal-logħob maħruga mad-dinja kollha, inkluż Malta Gaming Authority u Curacao Gaming Authority, is-soċjeta' attriċi kienet tiftaħ, tqieghed u tiġġestixxi *gaming websites* li jkunu liċenzjati minnha, dawn għal klijenti tagħha, logħob akkwistat mingħand is-supplier, allura l-konvenuta, din il-prattika tissejjaħ *White Labelling*. Jispjega li dan ix-xenarju jpoġġi responsabilta' fuq EveryMatrix lejn il-ġugaturi għal ħlas ta' fondi.

Iżid li għalhekk ħafna mir-riskju huwa mqiegħed fuq minn jżomm il-liċenżji, f'dan il-każ l-attriċi. Għalhekk l-attriċi tinkludi fil-kuntatti li tagħmel mas-suppliers tal-logħob, *idemnification clause* appositi.

Jixhed dwar inċident li ġara bejn l-1 u d-9 ta' Diċembru, 2017, fejn ġugatur bl-isem ta' *"Joanna Goos"* rreġistra tlett accounts mas-soċjeta' attriċi, ma' websites tagħha. Spjega li s-soċjeta' attriċi f'dawn it-tlett okkazjonijiet ikkonduċit il-proċess magħruf bħala Know Your Client (KYC). Qal li l-payment provider, ċioe' Neteller, allura l-*emoney transfer service*, ukoll ikkonduċa KYC kompleta. Ukoll li kull pagament, qua depositi jew ġbid sar kollu tramite Neteller, u li minn naħa tagħha wkoll ma sabet jew in riskontrat xejn dubjuż fil-konfront ta' dan il-ġugatur. Iżid li dan il-ġugatur għalkemm ikkunsidrat attiv ħafna ma wera ebda sinjal ta' aġir frawdolenti.

Jgħid li sussegwentement *game soft ware provider* ieħor innotifika lis-soċjeta attriċi dwar dan il-ġugatur, fis-sens li wera ħsieb dwar l-istess. Kien minħabba dan l-alert li s-soċjetà attriċi innotifkat lill-konvenuta biex din tinvestiga dan il-ġugatur u l-operat tiegħu. Kaġun ta' hekk il-konvenuta ppresentat lill-attriċi bir-

rapport immarkat bħala dokument C.[7] Spjega li r-rapport juri ċar li r-responsabilta' ta' l-akkadut taqa' fuq il-konvenuta. Ikkwantifika t-telf ta' l-attriċi fl-ammont ta' €149,280. Iżid, li din il-figura ma kienetx tikkomprendi l-interessi wkoll spejjeż amministrattivi u *processing costs, li kienet waħda ferm* konservattiva.

Esebixxa wkoll elenku tar-rebħ kif spartit lil dan il-gugattur mis-soċjeta' attriċi. [8]

Spejga hekk id-dannu li sofriet is-soċjeta' attriċi;

*"The player was awarded cash wins due to security loop in the defendant's security system and these wins were subsequently played on third party game suppliers such as "NetEnt' and this player lost these winnings on NetEnt's games which meant that that EveryMatrix paid revenue share towards Net Ent becaise illicit winnnings on the Join games platform. For the sake of clarity, EveryMatrix buys licences for games from third party game developers (such as defendant company) and such game developers charge EveryMatrix a license fee which takes form of a percentage of the losses related to players. Therefore if a player looses on a particular game EveryMatrix needs to pay the relevant game developer a license fee. Thus, the player won money that wasn't supposed to be awarded and subsequently, played them on games of 3rd parties which incurred additinal damages to Every Matrix"* [9]

Oltre spjega li kien hemm ħlas ta' 15% bħala license fee li kienet tmur għand *third party game suppliers* minn EveeyMatrix. Dan kif kien rifless fid-dokumenti imsemmija.

[7] Presentat mar-rikors ġuramentat.
[8] A1 sa A3 folio 34-35.
[9] Folio 32

Ukoll ġew esebiti d-dokumenti B1-B3 deposit/withdrawal report fir-rigward tal-ġugatur in kwistjoni u t-tlett websites li kien aċċeda.[10]

Esebixxa wkoll sensiela ta' emails li għaddew bejn l-attriċi u l-konvenuta biex tinstab soluzzjoni amikevoli.

Għamel referenza ukoll għal klawsola numru 12 li kien hemm fil-kuntratt bejn il-partijiet li kien jistipula *imdemnity clause* għal kazijiet speċifiki bħal dawn in eżami.

Affidavit ieħor ta' **Kovalchuk Andriy Oleksandrovych**[11] *Chief Technical Officer tal-Casino Engine Business Unit,* parti strutturali mis-soċjeta' attriċi. Qal li huma ġew notifikati bl-inċident in kwistjoni u li kienu rċevew *incident report* mingħand il-konvenuta. Iżid illi l-logħba *unpublished* li aċċeda l-ġugatur imsemmi kellha *return to player* (RTP) ta' 100%, indikattiv tas-suċċess li ġugatur *on line* kien hekk ikollu. Fil-fatt spjega li l-*online casinos* kien jinħtieg li jżommu RTP taht 100% inkella l-operat tagħhom ma kienx jkun sostenibbli, dan stante is-suċċess mija fil-mija tal-ġugatur.

Mill-eżamijiet kondotti kkonkluda li ma kien hemm ebda *hack* fuq is-sistemi tal-attriċi in kwantu da parti tagħhom ma kienu joffru ebda lobgħa li kellha RTP set għal 100%.

Esebixxa r-rapport ta' l-investigazzjoni[12] li saret da parti ta' l-attriċi fuq it-tlett websites użati mill-ġugatur bil-konklussjoni li ma kien hemm xejn li mar żmerċ minn naħa ta' l-attriċi.

[10] Folio 37-39
[11] 73
[12] Folio 74

Affidavit ieħor li pproduċit is-soċjeta' attriċi huwa dak ta' **Bidescu Alexxandru-Alin.**[13] Jixhed li hu fi ħdan il-kumpanija kellu r-rwol ta' *Verification Team Leader* li kien jinkludi *inter alia* l-prevenzjoni ta' frodi. Jgħid li fil-konfront ta' dan il-ġugatur kien sar il-KYC l-istess ġurnata li l-istess rreġistra bħala ġugatur mal-attriċi. Il-ġugatur iddeposita l-fondi tramite Neteller. Jispjega li din ta' l-aħħar kienet "*a brand of Paysafe Financial Services Ltd*", li kienet regolata fir-Renju Unit u awtorizzata mill-Financial Conduct Authority u li kellha regoli stretti dwar il-KYC u prevenzjoni ta' frodi. Għalhekk jgħid li dan il-ġugatur ġie vverifikat kemm mill-attriċi kif ukoll minn Neteller. Ma ġie riskontrat xejn abnormali.

Jispjega li darba l-*hack* ġrat fuq sit tal-konvenuta, kull darba li l-ġugatur rreġistra rebħa, għand l-attriċi kien jiġi registrat dan, li kien fatt korrett. Huma ma kellhom qatt il-possibilta' li jivverifikaw il-fatt li ġugatur kien aċċeda lobgħa *unpublished* ġialarba din l-informazzjoni kienet biss fi ħdan il-konvenuta.

Jibqa' sostenenti li dan il-ġugatur kien ġie verifikat da parti tagħhom kemm minn naħa tal-KYC ukoll ħasil ta' flus. Ma rriżulta ebda *red flags* fir-rigward.

Ukoll li l-attriċi ma kellha ebda aċċess/informazzjoni neċessarja biex tiġi individwalizzata l-okkorrenza. Kien biss meta sar rapport finanzjarju rikonċiljatorju mal-konvenuta li ndunaw bid-diskrepanza. Żid li kien hawn li l-konvenuta kkonfermat li kienet sofriet *hack* minn dan il-ġugatur li wassal għal telf u dannu a karigu ta' l-attriċi.

Affidavit ieħor ippresentat hu ta' **Cristian Saulea**[14]**,** impjegat fi ħdan kumpaniji li tagħhom l-attriċi kienet tagħmel parti, dan bħala *Financial Analyst Team Lead.*

[13] Folio 79
[14] Folio 82

Jispjega li f'Jannar, 2018, tul ir-rikonċiljazzjoni mensili ġew skoperti diversi diskrepanżi fil-*gaming data* bejn d-*data base* tal-attriċi u waħda mill-*game provider* li l-istess attriċi, ċioe' Join Game, u dan fir-rigward ta' ġugatur partikolari, ċioe' Joanna Goos. Ġie skopert li dan il-ġugatur kien fetaħ tlett kontijiet fuq tlett *on line casinos* li kienu operati mill-attriċi.

Mill-investigazzjoni rriżultalhom li mħatri ġew imqegħda fuq logħob *on line* provdut mill-konvenuta, kif igħid hu fil-*back office* tal-konvenuta mhux tal-attriċi, li kien ifisser li dan il-ġugatur kien irnexxielu *jiħħekj*a lis-soċjeta' konvenuta.

Iżid li dan l-istess ġugatur lagħab fuq siti oħra operati minn terżi ukoll *game providers* lill-attriċi bil-konsegwenza li EveryMatrix kellha tħallas lil terzi *providers* percentaġġ minħabba dan it-telf.

Da parti tagħha l-konvenuta ppresentat biss affidavit ta' ċertu **Luigi Spina**[15] u dokumenti annessi**.** Jgħid li kien hu li rreġistra s-soċjeta konvenuta ġewwa Malta u li kien l-unika Direttur ta' l-istess.

Jgħid li hu u l-attrċi ffirmaw kuntratt f'Marzu, 2016, bil-ftehim li l-attriċi toffri lil kljienti tagħha logħob, *on line gaming, egaming*, tramite logħob supplit mill-konvenuta, 'l hekk imsejjaħ *"Whitelabelling."*. Jilmenta li l-unika kopja li rċeva ta' dan il-kuntratt kienet kopja mhux iffirmata u bil-paġni neqsin.

Iżid li l-arranġament ta' bejniethom kien wieħed regolat bil-liġi Maltija, kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jispjega li l-intenzjoni tal-ftehim kien li l-kumpanija tiegħu tissuplixxi *software* lill-attriċi, ukoll li tkun ta' *host* tal-logħob fuq is-*server* tagħhom, tal-konvenuta,

[15] Folio 94

għal-logħob li l-attriċi tkun qed toffri lill-klijenti tagħha. Iżid però dan *"Therefore, I can understand that if a player wins money as a result of a fault in the game to the detriment of EveryMatrix, then our Company would be responsible to and liable for the damages suffered. However, it is clear that if a player uses EveryMatrix platform to hack into our system and fraudulently manipulate and exploit a game which was not even pubblished or offered to EveryMatrix to provide to its clients, then liability lies with those who negligent in their responsabilities and obbligations under the Maltese Gaming Laws"*[16]

Jagħmel ukoll referenza għal ftehim ta' bejniethom, senjatament klawsola 5.1 u 5.2 dwar ir-responsabilta' li taqa' fuq il-licensees u sub-licensees, allura l-attriċi.

Jinsisti li stante li r-relazzjoni bejn il-konvenuta u l-attriċi hija ta' *White Label*, allura kienet l-attriċi li kienet responsabbli għal pagamenti tal-fondi. Iżid li għalhekk jinkombi fuq l-attriċi li tagħmel ċert li jkollha *safety measures* u *safeguards* biex tassigura li l-pagamenti li tagħmel huma leġittimi, ukoll li mhux qed issofri qerq mill-klijenti tagħha.

Jgħid lil l-kumpanija attriċi qatt ma tat lill-konvenuta prova tal-KYC li għamlet fuq dan il-ġugatur. Ukoll li wara li għamlet il-KYC bażiku ħalliet lil dan il-ġugatur jitrasferixxi ammont ta' €50,000 meta l-liġi Maltija kienet tippermetti ħafna inqas.

Jakkuża lill-attriċi li hi ħallset ir-rebħ mingħajr ma ħalliet żmien biżżejjed għal verifiki.

Jinsisti li l-frodi ma sarx riżultat ta' *bug* jew difett, kieku l-konvenuta kienet tassumi r-responsabilta', imma dan in eżami ma kienx il-kaz.

Ġie nfurmat mis-*support team* tiegħu, li ġew infurmati minn Isoftbet[17], u mhux mill-attriċi, dwar l-inċident ta' l-attivita' ta' ċertu ġugatur li kellu rebħ abnormali.

---

[16] Ibid.
[17] Licensee ieħor bħal l attrċiċ

Jinsisti li huma jiddependu fuq *iGaming Aggregator Platform*, bħal Isotbet, u *Casino operators*, 'l hekk imsejjħa Front End, lkoll *liċensees* bħal ma hi l-attriċi, biex jieħdu s-salvagwardji neċessarji fil-konfront tal-ġugaturi tagħhom. Igħid li *"The safety net within the system therefore depends on these operators following strict rules and checks to avoid any form of abuse or fraud by players."*[18]

Jinsisti wkoll li l-pagamenti kellhom jiġu verifikati minn per eżempju Netteller.

Jgħid li kif ġew notifikati bl-akkadut min Isoftbet, huma nfurmaw b'mod immedjat lill-attriċi biex tieqaf toffri l-logħba in kwistjoni fuq il-website tagħha.

Iżid li s-soċjeta' konvenuta rrediċit rapport tal-inċident *de quo*.[19]

Iżid ukoll li kull logħob tagħhom iġorr *disclaimer* u ċioe' ***"Mulfunction voids all pays. The theoretical return to player for this game is(XXX%)***[20]**.** Bl-intendiment li l-kelma ***malfunction*** tinkludi wkoll ***"...hacks from third parties..."***

Jgħid li l-attriċi qatt ma jmissha ħallset somma daqstant ezuberanti ta' €150,000 qabel ma għamlet il-verifiċi neċessarji.

Jitfa' dubbju anke fuq impjegati tas-soċjeta' attriċi, li tali inċidenti jiġru jew b'assoċjazzjoni magħhom, ukoll għax xi impjegat jkun għażel *to overlook on purpose*.

Jgħid ukoll li mill-investigazzjonijiet tagħhom jirrizulta illi *"...the player in question did not exploit our published game which was being offered by us due to some bug or defect in the game itself. ...the player used third party hacking software to access our servers following a request made through EveryMatrix wherby he launched a demo game* ***which in fact was not offered to EveryMatrix***

[18] Folio 96
[19] Folio 107 IS2.
[20] Folio 96

***or their clients and was surely not included in the list of games annexed to the agreement of the 23rd March****.”*[21]*(enfasi tal-Qorti).*

Iżid li l-ġugatur uża lill-attriċi biex jaċċedi l-lobgħa in kwistjoni wkoll is-*servers* tagħhom b'mod frawdolenti stante li l-lobgħa in kwistjoni ma kienetx disponnibbli għall-attriċi.

Rat ukoll li n-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta attriċi ma ġiet qatt notifikata lil konvenuta bil-konsegenza li l-attriċi għażlet li tirtira l-istess.

Semgħet it-trattazzjoni tas-soċjeta' attriċi in kwantu l-konvenuta naqset li tidher u tressaq u tikkonkludi l-provi tagħha[22] u li tressaq għas-sottomisjonijiet finali.

Ikkonsidrat

Illi din il-kawża hija xprunata minn telf li ġarbet l-attriċi f'rebħ minn logħob *on line* li kellha fuq siti tagħha bħala *licencee*, logħob li hi **akkwistat** mingħand il-konvenuta *qua supplier*. L-operat bejn il-partijiet kien regolat bi ftehim datat 23 ta' Marzu, 2013. Fl-istess il-partijiet ikkuntrattaw illi l-konvenuta bħala s-supplier tipprovdi lil licensee attriċi, logħob liċenżjat bil-kundizzjoni li dan il-logħob ikun *"... served up from the Supplier' Platform and integrated into the Licensee platform..."*

[21] Folio 98
[22] Wara diversi seduti għalhekk.

L-istess ftehim ikomppli wkoll illi *"...Licensee shall not have the right to modify or alter the Licensed Games in any way unless expressly determined otherwise in this Agreemenet or subject to the receipt of Supplier' prior written approval."*[23]

L-istess ftehim huwa wieħed li kien jolqot u jirregola l-logħob li kien hemm speċifikat mal-istess fl-appendice B, u limitat għalhekk.

Fil-klawsola 5 tal-istess ftehim hemm stipulat is-segwenti:

*"5.1 Licensee or Sub-Licensee ..are solely responsible for the day to day operational activities of the Websites, including game marketing, customer support and care, and payment management.*

*5.2 Licensee or Sub-License...will be responsible for maintaining strict fraud control to ensure chargeback and other fraudulant behaviour is minimized. Such measures shall include but shall not be limited to, obtaining Player verification details."*

Imbagħad dwar idemnifikazzjoni nsibu fil-klawsola 12 is-segwenti:-

*" The supplier shall fully indemnify the licensee for loss of funds directly or indirectly attributable to faults in the licensed software and licencesed games. Faults include, but are not limited to, bugs faulty codes, loopholes, and back doors, in the above eventuality, the licensee may claim compensation for*

*i) Direct losses due to faulty Licensed software or Licensed Games*

*ii) Indirect losses caused by Players on the Websites using proceeds from the faulty licensed Games or games supplied by third party gaming service provider*

*iii) Indirect costs incurred by licensee for the payment of revenue from fees on 3rd party GSP*

[23] Folio 11 klawsola 3 tal-ftehim.

iv) *Indirect costs incurred by the licensee for the payment fees for the gaming transactions of the abovementioned players"*

Magħdud ma' dan l-artikolu 13, ismu miegħu, *Limitations of Liabilty* jżid li:

*"Except as otherwise provided in this agreement each of the Parties agrees that niether it nor its related companies, members, shareholders, directors, officers, employees or representatives will be liable towards each other for any special indirect or consequential damages including lost profits."*

Il-Qorti tqies li hu ta' importanza għas-soluzzjoni ta' din il-vertenza illi fl-istess ftehim insibu wkoll li l-*Licenseed Games* huma dawk speċifikati fl-anness B ma' l-istess ftehim.

**Huwa paċifiku bejn il-partijiet illi din il-logħba użata mill-hacker ġugatur, bl-isem ta' Cleopatra ma kienetx waħda inkluża fl-istess anness.**

Illi f'dan l-istadju ssir referenza għal prinċipji generali li jirrigwardaw l-effett ta' ftehim bejn il-partijiet.

Ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Antonio Macheda vs EveryMatrix** et 14.10.2016 965/2014LM

*"Hu prinċipju assodat f'ġurisprudenza kopjuża illi l-kontraenti ma jistgħux jipprovaw permezz ta' testimoni dak li ma jirriżultax jew jirriżulta eskluż mill-kuntratt (Kollez. Vol. XXIII.i.870; Vol. XXV.i.150). Dan fuq l-istregwa tal-massima contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufertur. Irid jingħad però li din ir-regola tad-dritt issofri limitazzjonijiet (Kollez. Vol.*

*XXXIX.iii.855), inter alia, meta l-kuntratt ikun simulat (Kollez. Vol. XXIX.i.837).”10 Illi ġie ritenut mill-Qrati tagħna illi: “huwa prinċipju ta’ dritt li meta ftehim jiġi redatt bil-miktub, il-kontenut tal-istess ftehim għandu joħroġ mill-istess kitba, inattez id-diskussjonijiet u kif dawn żvolgew. Hu preżunt li dak li l-partijiet ikunu ftiehmu fuqu, jkun ġie mniżżel fil-kitba, u dak li jkun diskuss iżda ma jirriżultax mill-kitba, jitqies jew li ma sarx qbil fuqu jew li ġie rinunzjat (ara Frendo vs. Caruana, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta’ Jannar, 1999). Kwindi, fejn il-kitba hi ċara, dak li kien miftiehem għandu joħroġ mill-istess kitba u mhux minn dak li seta’ kellhom f’moħħom ilpartijiet (ara Brincat vs. Saliba, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta’ Novembru 1983).*

*Il-kunsens, veru li għandu jkun espressjoni tal-volontà ta’ dak li ta’ l-kunsens, però, meta l-kunsens jingħata forma solenni ta’ att pubbliku, hu preżunt li l-manifestazzjoni tal-kunsens tirrifletti l-volontà interna tal-kuntraent. Il-prova kuntrarja, biex twaqqa’ dak li jirriżulta minn att pubbliku, trid tkun ċara, unekwivoka, u konkludenti – Grech vs. Ciantar, deċiża mill-Onorevoli Qorti tal-Kummerċ fil-21 ta’ Mejju, 1979.”.11 Fil-kawża Aquilina noe. vs. Portelli, deċiża wkoll minn din il-Qorti fl-4 ta’ Ottubru, 2005, ġie osservat li hi presunzjoni “qawwija, loġika u ġuridika”, li “meta l-partijiet jkunu ftiehmu li jinkorporaw ftehim ta’ bejniethom f’kitba, huma jkunu niżżlu bil-kitba fl-iskrittura relattiva dak kollu li jkunu ftiehmu fuqu”. (ara wkoll Sar Hotels Ltd vs. Degiorgio, deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede 9 Joselle Farrugia vs. Paskal Demajo – 09.12.2002 – PA. 10 George Bonnici vs. Silvio Naudi – 31.05.2006 – PA. 11 Clive Simpson noe vs. John Saliba noe – 22.06.2004 – PA (CFS) Rikors Numru 965/2014LM Paġna 8 minn 13 Qrati tal-Ġustizzja Inferjuri) fl-4 ta’ Mejju, 2005) u sentenza mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta’ Mejju, 2007 fil-kawża fl-ismijiet L-avukat Dr Anthony Rutter Giappone et vs. Energy Limited). Il-prinċipju kardinali li jirregola l-kuntratti – “jibqa’ dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi*

*rispettat u li hi l-volontà talkontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sunt servanda". (Qorti tal-Appell - 5 ta' Ottubru, 1998 – Gloria mart Jonathan Beacom et vs. L-Arkitett u Inġinier Ċivili Anthony Spiteri Staines)."*[24]

Ukoll insibu li fil-każ **TGS Company Limited vs Polidano Bros. Limited deċiż fil-11 ta' Lulju 2013** din il-Qorti diversament presjeduta għamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet -

*"Il-kompitu tal-Qorti hija pjuttost wieħed ta' għarbiel ta' fatti peress li r-relazzjonijiet ġuridici bejn il-kontendenti kienu regolati b'sahha tal-iskrittura privata imsemmija bl-applikazzjoni tal-principju fondamentali pacta sunt servanda.*

*(.......)*

***KONSIDERAZZJOIJIET LEGALI***

*Il-Qorti ser tenunzja xi prinċipji legali applikabbli li f'materja kontrattwali jagħmel li l-ftehim hu liġi għall-partijiet kontraenti (Art. 992 (1) Kodici Civili; ara "Carmelo Bajada noe v. Fr. S. Cachia et noe" (A.K. deciza fis-16 ta' Lulju 1973);*

*Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. ("Pacta sunt servanda.") ("Gloria mart Jonathan Beacom et vs LArkitett u Nġinier Ċivili Anthony Spiteri Staines" - App.Civ. deciza fil-5 ta' Ottubru 1998).*

[24] Anthony Zammit u Emanuel Agius vs. Buxom Poultry Limited, 25.05.2007, QM(Għ)GS-AE.

*L-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, minkejja l-konsegwenzi iebsa li jistgħu jinsiltu minnha fil-prattika, ġejja mir-rispett li jrid jingħata lill-prinċipju li ftehim validu bejn il-partijiet għandu s-saħħa ta' liġi bejniethom (pacta sunt servanda), u l-ebda Qorti m'għandha tindaħal fi ftehim bħal dan dment li dak il-ftehim ma jkunx milqut b'xi difett li jġibu ma jiswiex. Madankollu illum huwa aċċettat li l-applikazzjoni tar-regola minsuġa f'Kap. 16 trid tiġi nterpretata wkoll fid-dawl ta' prinċipju ieħor ewlieni tad-dritt jiġifieri li l-kuntratti jiġu esegwiti in bona fede. Kwindi huwa possibbli li l-effett u l-applikazzjoni litterali ta' klawsola penali jiġu ridimensjonati jekk jirriżulta li dawn joffendu jew jiksru s-sens prattiku u morali ta' l-obbligazzjoni billi jkunu jidhru sproporzjonati jew inaċċettabbli skont in-normi stabbiliti tas-socjeta` u l-loġika ġuridika.*

*Fil-kawza* **Mark Calleja Urry et vs Joseph Portelli et.** *(Qorti Appell moghti fis-sena 2011), il-Qorti kkwotat sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fejn qalet li:*

*"...il-prinċipju jibqa' l-istess, cioe` dak tal-liberta' kuntrattwali bil-korollarju tiegħu li l-eċċezzjonijiet għal dik il-liberta' m'għandhomx jiġu estiżi lil hemm mil-limiti tal-liġi li tistabilixxi l-eċċezzjoni ... il-Kodiċi Ċivili li jagħti lillkuntratti magħmulin skont il-liġi is-saħħa tal-liġi stess, li hija l-aqwa liġi, cioe` l-liġi tal-partijiet, il-mezz u l-miżura tal-indipendenza personali tagħhom fil-kamp kontrattwali, u li ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin jew għal raġunijiet mgħarufin mil-liġi."*

*Dan hu konformi mal-principju li darba bejn il-partijiet hemm ftehim li jirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom, hu prezunt li qabel ma ffirmaw dak il-ftehim qiesu ccirkustanzi tal-kaz u l-interessi taghhom, u allura darba iffirmaw il-kuntratt, huwa dak il-kuntratt li jissanzjona rrelazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti, u mhux xi principju iehor, ancorche' bazat fuq l-ekwita'. Il-principju tar-rispett ghal*

*volonta' tal-partijiet huwa wiehed fondamentali u dak li ftehmu fuqu il-partijiet ghandu "forza ta' ligi" ghalihom (artikolu 992 tal-Kodici Civili), u l-Qorti m'ghandhiex tuza d-diskrezzjoni taghha biex tissostitwixxi ghal dak li ftehmu l-partijiet il-volonta' taghha.*

*Fil-materja ta' l-interpretazzjoni ta' kuntratt ir-regola fundamentali hija dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili li jghid li meta l-kliem tal-kuntratt mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car m'hemmx lok ghall-interpretazzjoni (Ara s-entenza rapportata f'Vol.XXXIV.i.p27). L-interpretazzjoni ghandha tittiehed mill-att innifsu u mhux minn provi estraneji, specjalment meta l-interpretazzjoni hija relattiva ghall-kwistjoni principali.*

*Huwa meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx ma' l-intenzjoni tal-partijiet kontraenti kif tidher car mill-pattijiet mehudin flimkien, li ghandha tipprevali l-intenzjoni. Dwar dan din il-Qorti, diversament presjeduta, spjegat illi "din irregola ghandha tigi sewwa apprezzata u applikata. Irid jirrizulta bla dubju li s-sens tal-kwalsola li tkun jista' biss jigi nterpretat b'mod univoku ghax hu car. Irid jirrizulta wkoll li dan is-sens car tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'mohhom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi wahda mill-partijiet kellha f'rasha u dan irid jidher mill-pattijiet kollha tal-kuntratt mehudin flimkien" ("J. Bartolo et v. A. Petroni deciza 7 ta' Ottubru 1997").*

*Fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni mhux l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall-kliem tal-ftehim jew is-sens divers li huma jaghtu lill-kliem li jiswa imma dak li huwa importanti "hu l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti lill-kliem is-sens ordinarju tieghu fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti li ghandu jorbot (J. Zammit v. Michael Zammit Tabone et noe – Appell Superjuri deciz 28 ta' Frar 1997)."*

Da parti tagħha l-konvenuta teċċepixxi *inter alia* lli;

- l-attriċi naqset li tikkwantifika d-danni, u jekk dawn jirriżultaw kien biss minħabba negliġenza tagħha stess;
- in-nullita' tal-kuntratt stante li hu vizzjat b'difett serji;
- titfa' fuq is-soċjeta' rikorrenti r-responsabilta' ai terminu tal-klawsola 5 ta' l-istess kuntratt inkwantu kellha tkun hi li timminimiżża kull att jew aġir frawdolenti;
- li kellha timminimiżża d-dannu billi ma setgħetx teċċedi s-somma ta' logħob ta' €2,329.37 skont il-legislazzjoni sussidjarja 438.04;
- ukoll li l-attriċi naqset li tagħmel il-verifiki kollha neċessarji fil-konfront tal-ġugatur;
- illi fil-konfront ta' l-artikolu 12, l-konvenuta ma kellhiex kontroll fuq kollox;
- tinvoka l-klawsola 13 li teżentaha minn danni indiretti u konsegwenzjali.

Ikkonsidrat:

Illi hija fil-prinċipji tal-konvenzjoni stipulata bejn il-partijiet kif fuq rifless li Qorti ssib is-soluzzjoni ta' din il-vertenza.

1. Fl-ewwel lok tiġi mal-ewwel imtajjra d-difiża mressqa tan-nullita' ta' dan il-kuntratt minħabba qerq. Ma hemm ebda ħjiel ta' xi prova dwar hekk. L-iskuża pjuttost patetika li jressaq Spina fl-affidavit tiegħu, li hu rċeva kopja bil-paġni nieqsa u mhux iffirmata tad-dokument ma jnaqqas xejn mill-vinkolu kuntrattwali li jorbot lill-partijiet. Magħdud ma' dan, il-konvenuta teċċepixxi wkoll varji klawsoli mill-kuntratt biex tirrispondi għax-xilja mressqa fil-konfront tagħha. Dan fih innifsu huwa kontradittorju, il-

klawsoli invokati jistgħu jgħinu biss jekk jirriżulta ftehim validu, dan anke in applikazzjoni tal-massima *selecta una via non datur recursum ad alteram.*

2. Fit-tieni lok il-konvenuta tinvoka l-liġi sussidjaraja 438.04 in kwantu għal limiti mposti fuq ġugatur, però din il-leġislazzjoni ġiet imħassra bl-Att XVI tas-sena 2018.
3. Ukoll fl-affidavit tiegħu Spina jilmenta wkoll li l-attriċi kienet negliġenti fl-operat tagħha in kwantu m'għamlitx il-KYC sew u dovut fuq il-ġugatur in kwistjoni. Da parti tagħha però l-attriċi tressaq provi minn xhieda diversi li kif il-ġugatur irreġistra magħha mal-ewwel ġie kondott l'hekk imsejjaħ Know Your Client. Ukoll li dan l-eżerċizzju sar minn Neteller, bis-sodisfazzjon għat-tnejn. Fil-konfront ta' dan il-ġugatur saru anke verifiċi minħabba ħasil ta' flus, anke f'dan ir-rigward ma ġie riskontrat ebda problemi. Ix-xhud **Amund Strensland** ikkonferma wkoll li nonostnante li dan il-ġugatur kien wieħed attiv, da parti tagħhom ma rriskontraw ebda sinjal ta' frodi ġejja minnu. Jiġi nnutat ukoll li kif sew reġa' semma' **Bidescu** fl-affidavit tiegħu, lanqas Neteller ma rriskontrat ebda problema b'dan il-ġugatur.
4. Fil-fatt kif ingħad il-konvenuta tressaq l-argument, biex teżonera lilha nnifisha minn kull responsabilta', li l-attriċi messa ntebħet qabel bl-akkadut u wafqgħet tħallas il-ġugati mirbuħa. Minn naħa tiegħu Amund Stensland jixhed li l-attriċi ġiet notifikata minn Neteller li espremit tħasib dwar il-ġugatur in kwistjoni. Jgħid li kienet l-attriċi li nnotifikat lill-konvenuta biex tinvestiga l-akkadut. Jagħmel referenza għar-rapport li rrediġit il-konvenuta dwar il-*hack* li sofriet.

   Għandu jingħad ukoll f'dan l-istadju, li l-*hack* sar fuq logħba lill-konvenuta ma kienetx ippubblikata għal użu mill-licensee u lanqas kienet tagħmel parti mill-logħob li ġie supplit lill-attriċi. Din kif tammetti l-istess konvenuta kienet lobgħa li kienet tagħti return ta' mija fil mija lil ġugatur.

Mhux lobgħa li fil-fatt kienet pertinenti biex tiġi adoperata mill-*gaming on line* minħabba t-telf li jinkorri il-*provider* fuq il-websites tiegħu, f'dan il-kaz l-attriċi. Ma' dan jiġi puntwalizżat ukoll li kif xehed **Kovalchuk Andriy**[25] da parti tal-attriċi investigaw u sabu li ma sar ebda *hack* fuq l-attriċi tramite dak imsejjaħ, Game Management Tool. (Ara rapport fir-rigward a folio 74).

5. Jiġi nnutat ukoll kif intqal il-konvenuta rredigit rapport tal-akkadut. Fl-istess tgħid dan:
*"that user managed to launch an unlisted game that was not meant for production enviroment by guessing it's id. That unpublished game he launched was with the staging RTP setup ( more than 100%) that was intended to be used only for the frontend user interface testing. Our system tried to block the hacker, but unfortunatley he was able to find a combination of parameters he sent to the server that worked for him."*[26].
Il-konvenuta tramite Spina esebit ukoll rapport li hi bagħtet lil Ministeru ta' l-Intern Finlandiż, (pajjiż minn fejn saru l-ġugati), bl-akkadut. Tgħid fl-istess *" in all there were 6 client companies targeted by the criminals, four responded to immediately block the palyer however 2 responded in different ways and our understanding is that this resulted in some payments being authorised by them. ..."*[27]. dan ir-report dejjem kien fil-konfront tal-lobgħa Kleopatra.

6. Ġie ammess mis-soċjeta' konvenuta li hi sofriet dan il-*hack*, ammess ukoll li din il-lobgħa Kleopatra kienet fi ħdana, allura kien jinkombi lilha li tassigura li l-istess tkun protetta b'tali mod li ma taqax f'idejn min jista' jabbuża minnha. Huwa għalxejn għalhekk li Spina jitfa' l-ħtija fuq l-attriċi li ma setgħet qatt tinduna b'din il-lobgħa li fil-fatt ma kienetx fil-portfolio

[25] Folio 73
[26] Folio 107
[27] Folio 119

ta' logħob ikkuntrattat mal-konvenuta. Il-fatt li l-lobgħa kienet aċċeduta minn fuq l-attriċi bħala liċensee, ma jneħħi xejn mir-responsabilta' li ġġorr il-konvenuta li ħalliet l-istess lobgħa, mhux hekk protetta fuq platform tagħha, meta kienet taf x'kellha fi ħdana u l-ftehim li tagħmel **hi** mal *liċensees*, u kif dan il-ftehim ta' *White Labelling* jopera.

7. Il-Qorti terġa tagħmel referenza għal dak stipulat mill-partijiet u dan marbut ma' dak appena premess.

i. Għalkemm kif jixhed Spina b'referenza għal klawsola 5 kien l-obbligu ta' l-attrċi li żżomm *strict fraud control* u timminimiżża kull *frauduent behaviour,* dan setgħet tagħmlu biss sakemm kien miftuħ għaliha li tagħmel dan. L-attriċi fil-fatt ma kienetx konoxxenti ta' din il-lobgħa anke għax ma kienetx taqa' fil-lista B maqbula bejn il-partijiet. M'hemm ebda prova li turi l-kuntrarju.

ii. Però nonostante li l-lobgħa li wasslet għar-rebħ ikkontestat ma kienetx fil-lista maqbula, ma jneħħi xejn mir-responsabilta' tal-konvenuta. Nonostante li tinvoka l-artikolu 13 tal-ftehim, li jillimita r-responsabilta' tagħha, dan xorta jibqa' suġġett għar-responsabilta' tagħha kif stipulata fl-artikolu 12. Il-kuntratt ma jistax jiġi interpretat b'mod ieħor għax fil-fatt huwa ċar fid-diċitura tiegħu u l-intenzjoni tal-kontraenti.

iii. Kien jinkombi biss fuq is-soċjeta' konvenuta, ben konsapevoli x'għandha fi ħdana, li tagħmel dan aktar sikur. Kif jidher mir-rapport li hi bagħtet lil Ministeru Finlandiż, dan ma kienx inċident iżolat.

iv. Illi għalhekk għandha bla dubbju tirrispondi għad-danni kkaġunati minħabba nuqqas ta' salvagwardja da parti tagħha.

*8* L-attriċi resqet it-talba ta' refuzjoni tas-somma ta' €149,280. Għalkemm tinsisti li sofriet aktar danni minn hekk ma ġabet ebda prova ulterjuri.

**Magħdud dak kollu premess il-Qorti tqies u taqta' u tiddeċiedi illi:**

1) **Tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta Join Games Malta Ltd hija responsabbli għad-danni soferti mis-soċjetà rikorrenti minħabba nuqqasijiet fis-sistemi elettroniċi tal-konvenuta;**

2) **Tiddikjara illi s-soċjeta' intimata hija debitriċi fil-konfront tas-soċjeta' attriċi/rikorrenti fl-ammont ta' mija, disgħa u erbgħin elf u mitejn u tmenin Ewro (€149,280);**

3) **Tikkundanna lis-soċjeta' Join Games, il-konvenuta, tħallas is-somma ta' mija, disgħa u erbgħin elf u mittejn u tmenin Ewro (€149,280) rappresentati danni likwidati a favur is-soċjetà attriċi/rikorrenti.**

4) **Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 925/2018 akkordat nhar is-6 ta' Ġunju,**

**2018 u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-ittra ġudizzjarja datata 22 ta' Mejju, 2018 (ref.1796/2018) sad-data tal-pagament effettiv.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ.**